**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Novembru, 2015**

**Rikors Nru: 1569/2015 AF**

**Kevin Attard**

**vs**

**Jesmond Psaila**
**Lorraine Borg Costanzi u**
**Brian Psaila**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Kevin Attard li permezz tieghu talab lil din il-Qorti zzomm lill-intimati milli jkomplu billi jittrasferixxu b'titolu ta' bejgh lil terzi ohra, l-appartamenti numru 5, 6, 7 u 8 fi blokka bl-isem ta' "Plymouth Flats" fi Triq Testaferrata, Msida u dana qabel ma l-intimati jaghmlu dak li obbligaw rwiehhom li jaghmlu mar-rikorrenti fl-iskrittura ta' kera datata 15 ta' Marzu 2010 in atti Nutar Alex Sciberras Trigona u serjament klawsola numru 12 fejn qabel mal-intimati kellhom ibieghu l-imsemmija proprjetà kellhom joffru "right of first refusal" lir-rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-rispota ta' Jesmond Psaila.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Minn dan johorgu z-zewg rekwiziti li timponi l-ligi sabiex ikun gustifikat il-mandat. Il-ligi fil-kuntest tesigi illi r-rikorrenti ikollu *prima facie* l-jedd pretiz u, inoltre, li ssirlu hsara rrimedjabbli jekk ma jigix mizmum.

Jigi enfasizzat illi kull ezami li taghmel il-Qorti f'dawn il-proceduri jasal biss sa dak li jirrizulta mad-daqqa t'ghajn, b'dana illi l-iskrutinju profond fil-mertu jibqa' essenzjalment irrizervat ghall-Qorti meta din tkun qeghda tqis u taqta' l-mertu tal-kawza.

Fil-kaz in ezami, l-opposizzjoni tal-intimata hija msejjsa fuq il-validità o meno tal-iskrittura li r-rikorrenti jirradika l-jedd tieghu fuqha. Din il-konsiderazzjoni zgur li tmur oltre mill-parametri tal-proceduri odjerni. L-istess skrittura jidher li taghti jedd ta' "first refusal" lir-rikorrenti. Il-pregudizzju li josfri r-rikorrenti jekk dan id-dritt, dejjem meta pruvat finalment, jigi skartat, huwa evidenti.

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba ta' Kevin Attard kontenuta fir-rikors tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2015.

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.

IMHALLEF